MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 507/2006

Denis u Marisa konjugi Dalli
vs
La Palma Imports Limited u Neville u Michelle konjugi Spiteri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi fis-27 ta' Ottubru 2004 ir-rikorrenti kienu dahlu f'konvenju mas-socjeta` intimata, fejn is-socjeta` intimata kienet wieghedet li tittrasferixxi u tbiegh lir-rikorrenti l-appartament internament markat bin-numru 5 fit-tieni sular mibni inkluz garaxx sottostanti l-istess blokk internament markat bin-numru tnejn (2) minflok 281 u 282 Main Street, Balzan liema blokk ta' appartamenti sussegwentement kien issejjah "Dorset Apartments" Main Street, Balzan li kopja tieghu giet annessa mar-rikors bhala Dok A;

2. Illi r-rikorrenti kienu hallsu akkont ta' din il-vendita s-somma ta' hdax-il elf liri Maltin (Lm11,000);

3. Illi sussegwentemnt, dan il-konvenju ma kienx seta' jigi finalizzat stante li l-intimat kien biegh l-apartament lil terzi u kien gie miftiehem bejniethom li hu kellu jirrifondi lir-rikorrenti mhux biss is-somma ta' hdax-il elf liri Maltin (Lm11,000) imma wkoll sitt elef liri Maltin (Lm6,000) tad-danni minnhom sofferti ghan-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni ta' dan il-konvenju;

4. Illi kienet giet redatta skrittura tat-2 ta' Novembru 2005 u ohra fit-23 ta' Marzu 2006 fejn din l-obbligazzjoni kellha tigi attwata sat-2 ta' Marzu 2006 u sussegwentement estiza ghall-pagamenti ohra fis-27 ta' Marzu 2006, u t-tlettax (13) ta' April 2006 u li kopja taghha giet annessa mar-rikors bhala Dokument B;

5. Illi l-intimati Neville u Michelle konjugi Spiteri li kienu diretturi tas-socjeta` intimata (giet annessa mar-rikors kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta` intimata u mmarkata bhala Dokument C) kienu ggarantew dan il-hlas solidalment mal-kumpanija intimata billi kienu hargu zewg cekkijiet datati 27 ta' Marzu 2006 u 13 ta' April 2006 li kopja taghhom giet annessa mar-rikors bhala Dokument D, pero` dawn kienu gew "referred to drawer",

6. Illi l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati solidalment bejniethom kien cert, likwidu u skadut u l-intimati ma kellhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talba tar-rikorrenti;

7. Illi ghalhekk kienu jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh;

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

Tiddeciedi t-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u –

1. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000) oltre l-imghax legali mis-27 ta' Marzu 2006;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 791/2006 u bl-imghax legali mid-data tas-27 ta' Ottubru 2004 u bl-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Gillian Mamo ghall-intimati pprezentat nota li permezz taghha ammettiet il-kawza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti wara li rat l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilqa' l-istess talba rikorrenti fis-sens li tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000) oltre l-imghax legali mis-27 ta' Marzu 2006.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 791/2006 u bl-imghax legali mid-data tas-27 ta' Ottubru 2004 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------